MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

**10 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Liam Gauci – Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar

**ASSENTI**
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-

Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur John Borg u s-Sur Antoine Attard. Kien hawn preżenti wkoll is-Sinjura Nathalie Grima minn LEAP.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

**67.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

67.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

67.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva ittra ta' apoloġija mis-Sur Matthew Mangion, *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

67.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 66 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li ssir bidla peress li l-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit ġiet innutata bħala assenti meta fil-fatt, minħabba żball amministrattiv, ma ġietx notifikata. Għaldaqstant saret emmenda. Wara, fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, il-minuti ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**67.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

67.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet rapport tal-Bord tal-HR għall-ħatra ta' *Assistant Principal*. Kellna persuna waħda biss li applikat, internament, is-Sinjura Elenora Naudi, fejn kien hemm qbil illi tingħata l-grad.

67.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għaddejjin diskussjonijiet mal-Water Services sabiex il-WSC tibda tħallas nofs l-ispiża tat-tarmak fuq toroq illi jkunu ġew distrutti bl-interventi tagħhom. Parti mill-ftehim se jkun jinkorpora wkoll illi l-Kunsill jibda jagħlaq it-trinek huwa tal-WSC bil-*hot rolled asphalt*, permezz tal-kuntrattur tiegħu, bil-ħlas tat-tarmak isir minn WSC. Dan se jkun ifisser xogħol ta' kwalita' aħjar.

**67.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

67.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet li Triq San Ġiljan int u nieżel għal Sqaq Għargħar, qed jiġu njorati t-tabelli tat-traffiku u tixtieq li jitkabbru u jsiru ġodda ħalli jidhru iżjed.

67.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal li kellmuh xi nies preokkupati dwar mużika għolja li tista' toħroġ mill-kjosk li se jkun hemm Ġnien Stazzjon. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li mhux se jkun hemm mużika għolja li ddejjaq in-nies u lanqas tombla. Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal illi għal attivitajiet, min ikollu l-kjosk irid jieħu permess mill-Kunsill.

67.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard qal illi fil-kantuniera bejn Triq Indjana u Triq Fleur de Lys hemm periklu għax kien hemm *roadmarking* li telqet. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li dik kienet saret minn Transport Malta u se nerġgħu nagħmlu talba lilhom.

67.4.4 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal illi jkun hawn ilmenti illi n-nies imorru l-għassa u l-pulizija jgħidulhom illi ma għandhomx x'jaqsmu eżempju meta xi ħadd jipparkja fi spazju fejn ikun hemm permess tal-Kunsill għal *no parking*. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-problema hi li n-nies ma jiħdux nota ta' liema pulizija jkun qed ikellimhom. Is-Sur John Mizzi qal illi meta jkollna minn dawn il-problemi għandna dritt nirrappurtaw lill-Kummissarju tal-Pulizija.

67.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla reġa' staqsa dwar Triq Bontadini. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-Gvern se jeħodha f'idu għax il-Kunsill m'għandux miljun euro biex jagħmilha. Apparti minn hekk apparti Bontadini, il-Kunsill talab ukoll għal PP Castagna u Triq l-Imrieħel. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li tajna tender tal-PPP u ma jsemmiex miljun euro. Dan kien approvat minn Transport Malta u mill-Ministeru li se jagħtuna l-flus. Huwa qal li ma kinietx saret minħabba li dak iż-żmien kien hemm *tower crane*. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-Kunsill illum m'għandux biex iħallasha. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ngħidu li Bontadini tiswa miljun euro nkunu qed indaħħku n-nies bina. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qatt ma sab il-kuntratt ma' Transport Malta imma t-triq veru qegħda fit-tender. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab lis-Segretarju juri t-tender tagħna lil Transport Malta fejn Bontadini qed tiġi kwotata xi 240,000euro. Huwa qal li din l-BOQ kienet approvata mill-periti ta' TM stess. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li lanqas 30 fil-mija, il-Kunsill ma hux f'posizzjoni li jħallas għax dan il-Kunsill għadu qed iħallas il-flus tal-PPP ta' żmien il-Kunsill l-ieħor. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li għandna kwotazzjoni ta' 300,000euro mingħand V&C u għandha ssir b'dak l-ammont. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jiddubita kemm jista' b'tender ta' xi ħames snin ilu jisforza lill-V&C jaħdmu. Is-Sur Michael Fenech Adami qal li dak it-tender għadu jgħodd sal-lum.

67.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi s-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjoni li ħadd ma kien jaf biha quddiem l-iskema tar-reġjun, dwar Triq Tumas Fenech biex jagħtuha t-tarmak. Madwar 50,000euro. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ressaq l-offerta wara konsultazzjoni mas-Sindku u nħadmet fuq ir-rati tat-tender ta' *extensive patching* u bankini mirbuħ minn Dimbros.

67.4.7 Kien hemm diskussjoni għax is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għadha tħallas il-kontijiet ta' żmien l-eks sindku u s-Sur Michael Fenech Adami qal li fuq seba' toroq dan mhux dejn. Is-Sur Fenech Adami qal li missna nieħdu l-flus mill-fond ta' flus li minnu qed nieħdu għal Ta' Paris. Is-Sindku oġġezzjonat. Hija talbet lis-Segretarju jitkellem ma' TM u anke mal-V&C biex naraw jistax jaħdimha b'dak il-prezz.

67.4.8 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech kompliet titkellem dwar il-PPP fejn qalet illi Triq Ganu żżomm l-ilma u għandha r-ritratti. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-kuntrattur għandu obbligu li jsewwi sa seba' snin. Is-Sindku ddikjarat li se jinżammu l-pagamenti li jmiss tal-PPP sakemm isiru t-tiswijiet. Hija qalet li jagħmel Ganu u jkompli jieħu l-flus. Issemmiet ukoll Triq il-Ferrovija l-Antika. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-problema hemmhekk hija li kien hemm ġiebja enormi li nstaddet.

**67.5 Proġett LEAP**

67.5.1 Is-Sinjura Nathalie Grima, aġent tan-*Northern Harbour Region* tal-LEAP għamlet preżentazzjoni dwar is-suġġett u x'jagħmlu l-LEAP. Fosthom it-*target groups* lil min jgħinu u l-metodi li jużaw bħala *social mentors.* Hi qalet li f'dan in-*Northern Harbour Region* għandhom uffiċċju l-Belt u ieħor l-Imsida. Kien hemm diskussjoni dwar x'jista' jsir. Is-Sindku is-Sinjura Joanne Debono Grech talbet għall-lista ta' nies biex narasw kif nistgħu ngħinu imma l-LEAP ma jistax jgħaddihomlna

għalissa. Is-Sinjura Grima qalet illi jekk il-Kunsill jiltaqa' ma' nies għandhom bżonn l-għajnuna nirreferuhom għand il-LEAP. Hija qalet ukoll li jekk il-Kunsill għandu xi *premises* żgħar li jista' jintuża għandna nagħmlu suġġeriment. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech staqsiet jekk nieħdux fondi mingħand il-gvern għal kirja ta' xi kamra u s-Sinjura Grima qalet li jiddependi l-ammont. Hi ppreżentat żewġ kotba lill-kunsill li huma direttorji.

**67.6 Skema għoti ta' tarmak**

67.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni ittra mis-Segretarju Eżekuttiv tar-reġjun biex sa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju 2017 kull Kunsill jagħti stima tax-xogħol ta' tarmac li jrid iwettaq taħt l-Inizzjattiva Finanzjarja – Għoti mill-ġdid ta' tarmac.

67.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi kull Kunsill għandu jitfa' l-proġett tiegħu u skont il-flus li jkun hemm jintgħażlu proġett jew tnejn. Hu qal li sa issa Kunsill wieħed biss tefa' proġett. Hawnhekk il-Viċi Sindku qalet li ma għandhomx jieħdu biss il-postijiet turistiċi u aħna ma nieħdu xejn, u kulħadd għandu jaqsam, mhux xi ħadd jieħu ħafna u ħaddieħor xejn. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li aħna diġa' tfajna l-applikazzjoni tagħna wkoll.

67.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-applikazzjoni tagħna ma kinietx aċċettatta għax il-kwotazzjoni ma kinietx ibbażata fuq il-kuntrattur li jagħmel it-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-offerta tagħna kienet ibbażata fuq il-kuntrattur li rebaħ it-tender ta' *road repair* u *extensive patching*. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami staqsa għaliex l-offerta ma kinietx ibbażata fuq ir-rati tal-V&C. Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li l-kuntratt mal-V&C kien skada. Il-Kunsillier qallu li meta ħarġet l-iskema, il-kuntratt ma kienx skadut. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma ħassx li għandu jagħti kwotazzjoni fuq kuntratt li kien se jiskadi fil-jiem ta' wara. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma nistgħux indaħħlu l-offerta tad-Dimbros għax Dimbros mhux il-kuntrattur tat-toroq imma tal-*patching*.

67.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li fuq din it-tema kien tkellem mal-Q.S. tal-Kunsill is-Sur Ray Pellicano. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kellha diskussjoni mas-Sur Pellicano għax il-V&C ma jiġix għall-biċċiet żgħar. Kien għalhekk li ħareġ tender ta' *repairs* u bankini. Is-Sindku staqsiet liema *tender* allura tista' tuża għal din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li t-tender ta' *resurfacing and ancillary works* huwa skadut u kien qiegħed fl-aġenda tal-lum biex nitkellmu fuqu.

67.6.5 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ried jgħaddi mozzjoni biex dan it-tender tal-V&C jiġi mġedded għal sitt xhur biex nidħlu bih f'din l-iskema u ma jintilfux opportunitajiet. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qablet, għaddiet mozzjoni għat-tiġdid ta' tender BLC14-2012 *Tender for resurfacing and ancillary works*, għal sitt xhur oħra, il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

67.6.6 Kien hemm qbil illi nitfgħu applikazzjoni fuq Triq is-Santwarju ħdejn il-Bażilika.

(hawnhekk tkompliet il-laqgħa b'punt 8 qabel punt 7)

**67.8 Tenders ġodda**

67.8.1 Għalkemm it-tender tar-*Road Resurfacing and Ancillery Works* kien mġedded b'sitt xhur, is-Segretarju Eżekuttiv ngħata struzzjonijiet biex ikompli jipprepara *tender* ġdid flimkien mal-Q.S. li jinkorpora fih il-bini ta' toroq u proġetti oħra kbar.

67.8.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ħadd ma daħal għat-tender tal-kjosk ta' l-Istazzjon. Għalhekk ir-renta se titniżżel għal 25,000 euro fis-sena u jitla' 5% kull tliet snin. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-permess tal-*Planning Authority* għall-kjosk fi Ġnien Stazzjon kien ġie rifjutat fi żmien li kien SIndku hu staqsa jekk għandniex permess għal kjosk. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li għandna l-permessi kollha neċessarji għal kjosk inkluż tal-*Planning Authority* u Sanita'.

Fis-6.55pm talbu li jiġu skużati l-kunsilliera s-Sinjuri Michael Fenech Adami u John MIzzi.

**67.9 Restawr ta' niċeċ**

67.9.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi qegħdin f'diskussjoni ma' l-MCAST biex jiġu restawrati numru ta' niċeċ. Il-ftehim prattikament ikun illi aħna nixtru l-materjal u l-istudenti jaħdmu taħt superviżjoni. Ħadd ma kellu oġġezzjoni.

**67.10 Skeda ta' ġbir ta' skart**

67.10.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet illi nhar ta' Tnejn nibdlu l-ġabra u minflok organika niġbru l-borża sewda. Kien hemm qbil unanimu li dan kien se jkun ta' ġid ħalli l-boroż is-suwed ma jdumux ħafna fit-toroq. Din il-bidla se ssir fl-aħħar ta' Lulju.

**67.7 Rapport Bord Evalwazzjoni**

67.7.1 Tressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-Bord Evalwazzjoni dwar it-Tender ta' l-*Accountant* fejn il-bord qiegħed jirrakomanda li t-tender jingħata lill-kumpanija 3A. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**67.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

67.11.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja. Ħadd ma sab oġġezzjonijiet.

67.11.2 L-iskeda ta' pagamenti numru 49 kienet approvata mingħajr mistoqsijiet fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondata mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja.

**67.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.03pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 7 ta' Awwissu 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 7 ta' Awwissu 2017.

IFFIRMATI

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv